**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 37 - L-ERBGĦA 19 TA' JANNAR 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17.45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi-Sindku (wasal fis-18:13) |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. INTRODUZZJONI MIS-SINDKU**

1.1 Is-Sindku introduċiet il-laqgħa permezz ta' indirizz lir-residenti u l-Kunsillieri. Hi nfurmat li kemm hi kif ukoll il-Kunsilliera ġew eletti b'mod demokratiku b'ġurament li jaqdu fedalment id-dmirijiet ta' Kunsillieri skont il-liġi tal-Gvern Lokali. Is-Sindku fissret li huma jieħdu responsabilità għall-interess tar-residenti kollha. Id-deċiżjonijiet li jieħdu kemm is-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera ma jkunux faċli iżda jittieħdu fl-interess tar-residenti u l-lokalità b'mod ġenerali. Resident għandu d-dritt li ma jaqbilx mad-deċiżjoni li jkun ħa l-Kunsill iżda ħadd m'għandu d-dritt li jinsulenta.

1.2 Saħqet li wieħed jista' ma jaqbilx mad-deċizjoni finali. Filwaqt li kull opinjoni tkun rispettata kulħadd irid jaċċetta deċiżjonijiet meħuda b'mod demokratiku. Is-Sindku kompliet li kull deċizjoni trid tkun rispettata mill-Kunsillieri wkoll. Is-Sindku fakkret li kemm hi kif ukoll il-Kunsillieri qegħdin hemm għad-deċiżjonijiet diffiċli. Wieħed għandu jirrispetta d-deċiżjoni tal-maġġoranza.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

2.1 Is-SE informa lill-Kunsill li ma kienx hemm apoloġiji.

## 3. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 34 li saret nhar l-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021**.

3.2 Il-minuti ġew approvati (*nem con)* wara proposta mill-Kunsillier Cuomo issekondata mill-Kunsillier Gatt.

3.3 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 35 li kellha ssir it-Tnejn 20 ta' Diċembru 2021** iżda ma saritx minħabba nuqqas ta' quorum.

3.4 Il-minuti ġew approvati (*nem con)* wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Brincat.

3.5 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa b'urġenza numru 36 li saret it-Tlieta 28 ta' Diċembru 2021**.

3.6 Is-SE qara l-minuti minħabba li kienu ntbgħatu ftit qabel ma bdiet il-laqgħa.

3.7 Il-Kunsillier Brincat sostna li l-minuti ma jirriflettux dak kollu li ntqal u kellhom ikunu miżjuda.

3.8 Is-SE infurmah li jista' jressaq l-emendi tiegħu. Hu fakkar però li l-minuti m'għandhomx jirriflettu kull ma jintqal iżda x'effettivament ikun sar.

3.9 Il-Kunsillier Brincat staqsa lis-SE jekk hux skond il-liġi li dawn il-minuti jiġu emendati.

3.10 Kienu is-18:03 u dan il-ħin wasal il-Viċi Sindku.

3.11 Is-SE informa li l-minuti jistgħu ikunu emendati b'riżoluzzjoni tal-Kunsill. Kompla li mhux normali li fil-minuti jitniżżel kull ħaġa li wieħed ikun qed jitkellem fuqha u lanqas jista' jkun selettiv f'dak li jinkludi.

3.12 Il-Kunsillier Brincat ippropona li l-approvazzjoni ta' dawn il-minuti tiġi aġġornata għal laqgħa oħra biex iressaq l-emendi li jixtieq. Il-Kunsill qabel.

***F'dan il-ħin is-Sindku talbet lis-SE jaqra l-aġenda għall-benefiċċju tal-pubbliku li jkun qiegħed isegwi.***

## 4. TIBDIL FL-ORDNI TAL-LAQGĦA

4.1 Fuq proposta tal-Kunsillier Brincat il-Kunsill qabel li jibdel l-ordni tal-laqgħa biex l-ordni kienet skont kif jidher f'dawn il-minuti.

## 5. MOZZJONI DWAR IL-VOT TAS-SINDKU FL-AWTORITA' TAL-IPPJANAR

5.1 Qabel ma ppreżenta l-mozzjoni l-Kunsillier Brincat is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li s-sena kellha tkun 2021.

5.2 Il-Kunsillier Brincat qara l-mozzjoni tiegħu (annessa A). Din ġiet issekondata mill-Kunsillier Gatt.

5.3 Waqt id-diskussjoni s-Sindku ressqet emenda biex fl-aħħar tal-mozzjoni tiddaħħal is-sentenza "Il-Kunsill qiegħed b'dan jiddeċiedi li jsir transcript tad-

diskussjoni relatata li seħħet fil-laqgħa numru 33." Issekondat il-Kunsillier Cuomo u l-Kunsill ivvota favur l-emenda.

5.4 Il-mozzjoni kif emendata għaddiet u l-membri vvutaw kif ġej: **FAVUR:** Is-Sindku u l-Kunsillieri Brincat, Cuomo, Gatt, Gaffiero u Abela. **KONTRA**: il-Kunsillier Spiteri. **ASTENSJONJIET:** il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Deguara.

## 6. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

6.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

6.2 Fit-13 ta' Jannar sar il-vot tal-PA 03012/20 – ''The outline application for the construction of a Waste to Energy Plant at Magħtab''. Hi infurmat li tat il-vot tagħha li kien kontra l-proġett skond kif ġie deċiż waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku preżentat l-argumenti kollha li saru waqt il-laqgħa. Il-proġett ġie approvat bi tmien voti kontra tnejn. Hi saħqet i issa li d-deċiżjoni hija meħuda il-Kunsill għandu jirrispetta d-deċiżjoni meħuda u jikkollabora kemm jista'.

6.3 Fid-19 ta' Jannar kien hemm il-laqgħa tal-PA/00662/21 (applikazzjoni tal-Kunsill għal ġnien fi Triq tal-Labour). Din ġiet differita għall-bidu ta' Marzu.

6.4 Is-Sindku ppreżentat ir-rapport dwar dak kollu li sar fil-konfront tal-LC Care grant support scheme. Hija rringrazzjat lill-Kunsillier Abela għal din il-ħidma. Il-Kunsillier Abela propona li waħda mill-cat kennels tkun idedikata għat-tfajla Pollakka li ġiet maqtula fil-bidu ta' din is-sena Paolina Dembska. Dan minħabba li hi kienet cat feeder ukoll. Il-Kunsill qabel.

## 7. RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 2021

7.1 F'dan il-ħin ngħaqdet mal-laqgħa b'mod virtwali l-accountant tal-Kunsill.

7.2 Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju għas-sena 2021 u informa li dan huwa l-ewwel approvazzjoni qabel ma jkun verifikat. Wara jista' jkun hemm aġġustamenti li joħorġu mill-verifika u allura jkun jeħtieġ il-konferma finali.

7.3 L-accountant u s-SE spjegaw fid-dettall ir-rapport u wara, fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva r-rapport *nem con*. (kopja annessa f'B)

7.4 Is-SE fakkar li kull min ikollu xi mistoqsija dwar dan ir-rapport ma jiddejqu xejn javviċinawh.

## 8. RAPPORT FINANZJARJU GĦALL-AĦĦAR KWART TAS-SENA 2021

8.1 Is-SE ippreżenta r-rapport u flimkien mal-accountant spjegaw li dan awtomatikament huwa kopert fir-rapport finanzjarju annwali approvat qabel.

8.2 il-Kunsill approva r-rapport *nem con* wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Deguara. (kopja annessa f'Ċ)

## 9. IL-BAĠIT U L-PJAN

9.1 Is-SE ippreżenta l-baġit għas-sena 2022 li kien intbagħat lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa.

9.2 Is-SE spjega fid-dettal il-figuri fejn qal li wieħed irid iżomm mal-baġit u l-Kunsill ma jistax jonfoq infiq żejjed. Fakkar li l-Kunsill jieħu biss fondi għall-funzjonijiet statutorji u skont l-iskeda uffiċjali maħruġa mid-DLG li għaddielhom qabel. L-accountant kompliet ma' dak li qal is-SE fejn seħqet li ma jistax isir infiq iktar milli hemm allokat għall-funzjonijiet u li għal xi attivitajiet il-Kunsill għandu jara kif jiġġenera fondi addizzjonali.

9.3 Il-Kunsillieri kienu mistiedna jistaqsu jekk iħossu l-ħtieġa.

9.4 Dan ir-rapport kien approvat (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku u l-Kunsillier Gatt. (kopja annessa f'D)

## 10. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

10.1 Is-SE ressaq mistoqsija mill-Kunsillier Spiteri dwar sejħiet għall-offerti maħruġa fil-konfront tar-restawr tal-mitħna tal-Għaqba. Is-SE informa li kien qiegħed iżid ukoll sejħiet għall-kwotazzjonijiet. Il-mistoqsija u t-tweġiba huma annessi f'E.

10.2 Is-SE ħa l-opportunità jinforma lill-Kunsillieri li se jorganizza żjara għalihom fil-mitħna biex ikunu jistgħu u jaraw u jifhmu x'inhu għaddej u fiex wasal il-xogħol.

## 11. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

11.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

11.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/35) anness f'appendiċi F.

11.1.2 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/36) anness f'appendiċi G.

11.1.3 Lista ta' dħul għax-xahar ta' Novembru anness f'appendiċi Ġ.

11.1.4 Lista ta' dħul għax-xahar ta' Diċembru anness f'appendiċi H.

11.1.5 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Novembru anness f'appendiċi Ħ.

11.1.6 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Diċembru anness f'appendiċi I.

11.1.7 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Novembru anness f'appendiċi J.

11.1.8 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Diċembru anness f'appendiċi K.

11.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti kollha (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku.

## 12. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI

12.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret il-Ħamis 13 ta' Jannar (anness f'appendiċi L).

12.2 Il-Kunsill approva l-minuti (*nem con)* wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku.

### 13. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

13.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret il-Ħamis 13 ta’ Jannar (anness f’appendiċi M).

13.2 Il-Kunsill approva r-rapport (*nem con*) wara proposta mis-Sindku s-ssekondata mill-Kunsillier Spiteri.

13.3 F’dan il-ħin il-Kunsillier Spiteri talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien 19:35.

### 14. LAQGĦA TAL-KOMUNITÀ

14.1 Is-SE staqsa meta għandha ssir il-laqgħa tal-komunità.

14.2 Ġie deċiż li l-laqgħa ssir wara l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Id-data tiġi deċiża fl-aħħar tal-laqgħa.

14.3 Il-Kunsill qabel.

### 15. PROPOSTA BIEX PARTI MINN TRIQ L-INGILTERRA SSIR F’DIREZZJONI WAĦDA

15.1 Is-SE informa li sal-lum għad m’għandux ir-rapport finali minħabba l-ammont ta’ kummenti u peress li għadu qed jistenna informazzjoni mingħand il-Public Transport.

15.2 Il-Kunsill qabel li din tiġi differita għal-laqgħa li jmiss.

### 16. SKEMA TAL-ATTIVITAJIET KULTURALI

16.1 Is-SE qara l-imejl li kienet intbgħatet f’Diċembru tas-sena 2021 u li kien għadda kopja tagħha lil kull Kunsillier. Enfasizza l-importanza li meta jirċievu imejls għandhom jinnutawhom għaliex ikunu importanti.

16.2 Is-SE informa li ma kellu l-ebda rispons mill-Kunsillieri u għalhekk ma setax jippjana biex japplika. Fakkar li l-applikazzjonijiet jgħalqu fis-26 ta’ Jannar 2022.

16.3 Minħabba li ma kienx fadal biżżejjed żmien sabiex isir il-pjan u l-applikazzjoni l-Kunsill qabel li f’dan l-istadju ma japplikax.

16.4 Is-SE fakkar fl-importanza li jsiru l-pjanijiet minn sew qabel. Dan sabiex kif tiġi opportunità għal fondi l-Kunsill ikun lest biex japplika.

16.5 Il-Kunsillier Gaffiero staqsa jekk din is-sena hux se jsiru attivitajiet. Is-SE infurmah li kif semmiet l-accountant fil-bidu tal-laqgħa importanti li l-Kunsill jiġġenera l-flus biex ikun jista’ jsostni attivitajiet li m’humiex koperti mill-finanzjament.

16.6 F’dan il-ħin il-Viċi Sindku talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien 19:48.

16.7 Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Gaffiero sabiex issir laqgħa bejniethom biex jiddiskutu xi attivitajiet.

**17. CHARGING PILLARS – TKT 39362**

17.1 Is-SE informa l-Kunsillieri dwar imejl li kienet intbgħatet f'Diċembru 2021 mill-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli (annessa f'N).

17.2 Il-Kunsill iddeċida li jinkludi oħrajn ġodda fi Triq il-Kbira, is-Salina u fil-parti t'isfel tat-Triq tal-Labour. Il-Kunsill qabel.

**18. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 23 ta' Frar 2022 fis-17:45.

18.2 Il-Laqgħa tal-komunità issir nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu fis-18:30.

18.3 Il-Laqgħa ntemmet fit-20:00.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |